Qorti Civili Prim Awla

Subbasta Nru 62/13

Bank of Valletta Plc. (C2833)

Vs

Frank Vassallo martu Mary Vassallo nee' Demicoli,

REGISTRY SUPERIOR COURT
No: 2343
23 JUN 2016
* PAID *

Nota tal-perit tekniku Duncan Muscat A&CE

Li biha qieghed jiddikjara illi il-valur tac-cens imnizzel fir-rapport tieghu ta' circa tnejn u erbghajn Euro fis-sena; (€42.00), li jikkorispondi ghal-madwar tmientax il-lira Maltin; (Lm18.00). Dan l-ammont gie ddikjarat mis-Sur Vassallo, madankollu ma setax jipprovdi l-provi tal-hlas ta' cens fi zmien li kien hemm biex jigi sottomess ir-rapport tal-esponent. Ghaldaqstant, fil-prim awla tal-qorti, fit-tlettax ta' Awissu 2013, il-valur tac-cens gie kkonfermat li huwa ta' sittin ewro u sitta u erbghajn centezmu fis-sena: (€60.46), li jikkorispondi ghal-madwar hamsa u ghoxrin lira matin u sitta u disghajn centezmu. (Lm25.96). Dan ic-cens huwa revedibbli, annwu u perpetwu. Kopja tad-dokument ufficjali li jiddikjara ic-cens huwa anness ma' dan ir-rapport.

Duncan Muscat A&CE

Illum 23 JUN 2016

Ipprezentata mill-Perit Duncan Muscat

B'/Bla dok mingħajr dokumenti

Gaetana Aquilina
Deputat Registratur
Deputy Registrar
Qrati tal-Gustizzja (Malta)
Law Courts (Malta)

Illum 5 ta' Lulju 2016
Deher il-Perit Legali / Tekniku: DUNCAN MUSCAT 529975M
Li wara li ddikjara li thallas l-ammont lilu dovut, halef/halfet li qeda/qdiet fedelment u onestament l-inkarigu moghti lilu/ha.

Deputat Registratur

SUBBASTA

Fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili

Reg C 174.70
Reg C 23.28
Core 4.64
€ 202.62

REGISTRY ... 3 AUG 2013 PAID

Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)

vs

Frank Vassallo, *accountant,* iben Frank u Matilde nee' Zarb, imwieled Floriana u residenti Attard, detentur tal-karta tal-identita' numru 620958 (M)) u Mary Vassallo nee' Demicoli, mart Frank Vassallo, *housewife,* bint Orazio Demicoli u Angela nee' Azzopardi, imwielda Pieta' u residenti Attard, detentrici tal-karta tal-identita' numru 611060 (M))

Rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. (C2833) ghall-hrug ta' Mandat ta' Qbid ta' Hwejjeg Immobbli:

Tesponi bir-rispett:-

Illi in forza ta' sentenza moghtija minn Din l-Onorabbli Qorti fil-5 ta' Dicembru 2012 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs Francis u Mary mizzewgin Vassallo (K.I. numri 620958 (M) u 611060 (M) rispettivament)" - (Citazzjoni Numru 470/2012 SM - Onorevoli Imhallef Silvio Meli - (Dok. "A"), l-intimati Francis u Mary mizzewgin Vassallo gew ikkundannati sabiex ihallsu flimkien u *in solidium* lis-socjeta' attrici is-somma ta' tnejn u sebghin elf, erba' mija u tlieta u tmenin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€72,483.76), flimkien ma' l-ispejjez u ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2012 sal-jum tal-pagament effettiv.

Illi, d-debitu ta' intimati llum jammonta ghas-somma ta' wiehed u sittin elf, hames mija u ghoxrin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€61,520.56) kwantu ghal tlieta u hamsin elf, mitejn u tnejn u erbghin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€53,242.85) sorte, kwantu ghal erbat elef, sitt mija u disgha u sittin Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€4,669.54) imghaxijiet ulterjuri sal-31 ta' Marzu 2012 kif ahjar jirrizulta mid-dokumenti hawn annessa u mmarkat Dok "B", u kwantu ghall-tlett elef, hames mija u tmienja u disghin Ewro u tmintax-il centezmu (€3,598.18) spejjez tal-kawza kif ahjar jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat Dok. "C", flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mill-1 t'April 2012 sal-jum tal-pagament effettiv.

Illi l-imsemmija Frank u Mary mizzewgin Vassallo jipposjedu s-segwenti proprjeta' immobiljari u cioe':

- Id-Dar minghajr numru ufficjali, bl-isem ta' 'Lycidas', fi Triq Dun Mikiel Scerri, mibnija fuq zewg porzjonijiet ta' art bin-numri tnax (12) u tlettax (13) li jiffurmaw parti mill-art maghrufa bhala 'Tal-Irmiedi' fid-distrett tal-Idward.

True copy

Perit Duncan Muscat B. E. & A. (Hons), A. & C. E.
Architect & Civil Engineer
2, Kent Court, St. Paul's Street, Naxxar. NXR 4016.
Tel: 21432178, Fax: 21416935, Mob:99897969.
Email: peritduncan@gmail.com

limiti ta' Had-Attard. L-imsemmija zewg porzjonijiet ta' art li jmissu ma xulxin huma konfinanti mill-Punent mal-imsemmija Triq u mar-irjiehat l-ohra varjuri ma' proprjeta' ta' Lay Lay Company Limited jew is-successuri taghhom fit-titolu, suggetti ghac-cens rivedibbli, annwu u perpetwu ta' hamsa u ghoxrin Liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm25.96) ekwivalenti ghal sittin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€60.46), mill-bqija libera u battala bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghhom.

Illi l-imsemmija porzjoni ta' art bin-numru tlettax (13) li fuqha illum hemm mibnija l-imsemmija dar kienet giet akkwistata minn Mary Vassallo nee' permezz ta' kuntratt datat 14 ta' Frar 1985 in atti Nutar Dottor Tonio Spiteri u l-imsemmija porzjoni ta' art bin-numru tnax (12) li fuqha illum hemm mibnija l-imsemmija kienet giet akkwistata minn Frank Vassallo permezz ta' kuntratt datat 19 ta' Jannar 1989 in atti Nutar Dottor Joseph Spiteri. L-imsemmija kuntratti jinsabu hawn annessi u mmarkati Dok. "D" u "E". Illi l-imsemmija dar tinsab delinejata bl-ahmar fuq is-*site plan* hawn annessa u markata Dok. "F" u skont ir-ritratti hawn annessi u mmarkati "Dok G1 sa G2 "

Illi fuq il-proprjeta' imsemmija gew iskritti s-segwenti ipoteki u cioe' dawk bin-numru I 13873/2000, I 2935/2002 u I 17832/2010.

Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett illi, in ezekuzzjoni ta' l-imsemmija sentenza, Din l-Onorabbli Qorti Joghgobha Tordna l-hrug ta' Mandat ta' Qbid ta' Hwejjeg Immobbli tal-fondi fuq imsemmija, kif ukoll Taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti li Jidrilha opportuni, u partikolarment imma mhux esklussivament dawk imsemmija fl-Artikolu 306 *et seq*. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet, sabiex l-esponenti tottjenti l-hlas tad-debitu lilha dovut, kif fuq spjegat, wara li Taghti l-opportuni provvedimenti.

Avv. Dott. Dominic A. Cassar
162, Omega House, Naxxar Road,
San Gwann SGN 9030

P.L. Joanna Dingli

Socjeta' Esponenti: Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
1/5, Misrah San Gorg, Valletta VLT 1190

Intimati: Frank u Mary mizzewgin Vassallo
167, Lycidas,
Triq Dun Mikiel Xerri,
Attard

True Copy
Paul Duncan Muscat B.E. & A. (Hons)., A. & C.E.
Architect & Civil Engineer
2, Keal Court, St. Paul's Street, Naxxar NXR 4016.
Tel: 21432178, Fax: 21416935, Mob: 99447969.
Email: paulduncan@gmail.com

13 AUG 2013

DORIS SERRINA
DEPUTAT REGISTRATUR
TAL-GUSTIZZJA
MALTA